**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Dicembru, 2017**

**Talba Nru: 21/2016PM1**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**Vs**

1. **Mark Bezzina (ID 378584(M))**
2. **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd (C8692)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-20 ta' Jannar, 2016 permezz ta' liema l-Awtorita` attrici talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-Awtorita` l-ammont ta' elfejn, tmin mija u sebgha u tmenin euro u hamsa u tmenin centezmi (€2887.85) rapprezentanti d-danni u l-hsara kkawzati mill-konvenuti jew min minnhom fit-30 ta' Lulju, 2014 li waqt li l-konvenut Mark Bezzina kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBI882, il-vettura hadet in-nar bil-konsegwenza li sar dannu fuq l-asfaltar li jinsab fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Luqa. Illi

ghal dawn id-danni u hsara huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom. Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tal-incident in kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz prezentati mill-awtorita` attrici a sostenn tat-talba taghha.

Ra r-risposta tal-konvenuti permezz ta' liema gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li l-incident *de quo* ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da part ital-konvenuti. Jispetta ghahekk lill-Awtorita` attrici illi ggib il-prova tal-htija tal-istess konvenuti ghall-imsemmi incident, liema prova tinkombi lilha skont il-ligi;
2. Ghaldaqstant fejn jirrigwarda l-konvenuti m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-Awtorita` attrici. Minghajr pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, il-quantum tad-danni pretiz mill-Awtorita` attrici huwa kontestat u ghandu jigi pruvat skont il-ligi;
3. Ghar-ragunijiet premessi, m'hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' danni favur l-Awtorita` attrici;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjez kontra l-istess Awtorita` attrici.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Nicholas Baldacchino moghtija waqt is-seduta tal-20 t'April, 2016 u d-dokumenti ezebiti minnu (fol. 18 sa 33 tal-process).

Ra x-xhieda tal-Perit Charlene Sammut, tal-Leading Fireman Joseph Farrugia u ta' Paul Magro moghtija waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju, 2016 u d-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta (fol. 36 sa 51 tal-process).

Sema' x-xhieda moghtija minn PS826 Matthew Parnis, PC1554 Noel De Cesare u Mark Bezzina in subizzjoni waqt is-seduta tat-12 t'Ottubru, 2016 u d-dokument relattivi (fol.57 sa 64 tal-process).

Sema x-xhieda ta' Martin Farrugia moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar, 2017 (fol. 67 tal-process).

Rat in-nota tal-intimati b'dokumenti annessi a fol. 74 tal-process.

Sema' x-xhieda ta' James Newell waqt is-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2017

Sema' t-trattazzjoni tar-rapprezentant legali tal-atturi u ra li l-kawza giet differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi qeghdin jitolbu kumpens ghad-danni sofferti minnhom bhala konsegwenza ta' nirien li laqtu il-vettura misjuqa mill-intimat Bezzina u proprjeta` tas-socjeta` intimata u li kkagunaw hsara fit-triq. Huwa daqstant iehor car li, min-naha taghhom, l-intimati jikkontendu li m'hemm ebda htija li tista' tigi attribwita lill-intimati jew min minnhom ghal dan l-akkadut.

Illi effettivament huwa minnufih car li tramite l-provi imressqin minna l-Awtorita` attrici semplicement strahet fuq l-akkadut tal-incident li wassal ghan-nirien sabiex tipprova l-kaz taghha. Bhala fatt huwa minnu li jirrizulta li l-hsara sofferta mill-Awtorita` attrici giet kagunata minn nirien li inqabbdu fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBI882 misjuqa mill-intimat Bezzina u proprjeta` tas-socjeta` intimata. Il-konvenuti jikkontendu fir-risposta taghhom u fit-trattazzjoni finali li huma ma ghandhom jaghtu xejn ghax l-incident ma sehhx b'xi tort taghhom. Huwa car li minn dan isegwi li, t-Tribunal ghandu

jinvestiga u jiddetermina jekk in-nar li kkawza l-hsarat lamentati mill-Awtorita` attrici sehhewx tort tal-intimati jew minhabba ragunijiet purament accidentali.

Illi mill-aspett prettament fattwali ghandu jigi kkunsidrat li:

1. Skont ir-rapport tal-Pulizija (Dok. B fol.6 tal-process) referibilment ghal dak li gie dikjarat *a tempo vergine* "*ix-xufier li kien qed jaghmel uzu mill-vann bin-numru ta' registrazzjoni HBI882 stqarr illi kien gej mis-Siggiewi direzzjoni lejn Marsa meta f'daqqa wahda kien hemm vettura illi bdiet tpaqpaq il-horn, u hu haseb illi ix-xufier li beda jaghmillu sinjal jew biex jghaddi jew minhabba li naqas li josserva xi regolament tat-traffiku. Izda dan il-persuna li ma jafx min hu stqarr li qabzu waqaf quddiemu u ghamillu sinjal sabiex johrog mill-vettura u qallu li kellu il-vettura qedha taqbad. Hu stqarr illi hareg jigi (sic) u il-vann kien beda jaqbad sewwa. Mark Bezzina ma sofra l-ebda griehi izda ittiehed l-isptar minhabba is-shock qawwi li kellu fuqu*".

2. Skont ix-xhieda ta' Nicholas Baldacchino in rapprezentanza tal-Awtorita` attrici: "*Mistoqsi jekk jiena personalment nafx ghaliex il-vettura hadet in-nar nirrispondi li la jiena naf u nahseb illi lanqas il-persuna li mar fuq il-post ma jaf.*" (xhieda moghtija fl-20 ta' April, 2016 a fol. 18 tal-process).

3. Skont ix-xhieda ta' Joseph Farrugia, Leading Fireman mal-Protezzjoni Civili: "*Il-hruq f'dan il-van kien diga` avvanzat avolja ahna ma kellniex boghod bejn tmien minuti, disa' minuti konna diga` qeghdin fuq il-post izda l-hruq kien estensiv u kien avvanzat. Il-body tieghu fil-fatt huwa tal-fibre u rega qabad iktar malajr.*" (xhieda moghtija fl-24 ta' Mejju, 2016 a fol. 38 tal-process).

4. Skont ix-xhieda tal-intimat Mark Bezzina, filwaqt li huwa ikkonferma l-verzjoni moghtija minnu a tempo vergina lill-Pulizija kompla jixhed li "*Nghid li dak il-hin rajt li l-van kien qed jaqbad minn taht. Jiena mort biex ingib l-apparat halli nkun*

*nista' nitfi n-nar li rajt pero` sakemm ghamilt dan smajt spluzjoni pero` ma nafx ta' xiex kienet din l-ispluzjoni. Nghid illi wara din l-ispluzjoni l-vann kollu ha f'daqqa u ma stajtx nikkontrolla n-nirien anke ghaliex kien ir-rih. Il-fire extinguisher kien hdejja. Nghid illi jiena meta nzilt kull ma rajt kien hafna duhhan pero` ma stajtx nistabilixxi n-nar minn fejn kien gej. Bejn il-hin li rajt dan id-duhhan u x'hin mort biex ingib il-fire extinguisher u smajt l-ispluzjoni ghaddew forsi ftit sekondi. Mela, jiena just driver u dwar dan l-incident hadd ma kellimni u ghaldaqstant ma nistax nghid x'wassal ghal dawn in-nirien fuq il-van.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 t' Ottubru, 2016 a fol. 61 tal-process).

5. Skont ix-xhieda ta' Martin Farrugia, Vehicle Maintenance Officer fi hdan is-socjeta` intimata, il-vann de quo kien mixtri gdid minghand l-agent. "*Din il-vettura qatt ma kellha problemi. Bhala manutenzjoni dejjem konna naghmluha meta din tinqala' u effettivament kull manutenzjoni li saret fuqha saret debitament illogjata minni stess.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar, 2017 a fol. 67 tal-process).

6. Skont il-ftehim preliminari ezebit bhala Dok. AZM2 a fol. 76 tal-process il-vettura de quo giet mixtrija fid-19 ta' Jannar, 2011 filwaqt li skont id-dokument ezebit bhala Dok. AZM3 a fol. 77 tal-process jidher li kienet ssir manutenzjoni regolari fuqu tant illi, jekk wiehed jikkunsidra li l-incident sehh fit-30 ta' Lulju, 2014il-vettura jidher li giet regolarment 'serviced' u sarilha wkoll VRT check fil-11 ta' Gunju, 2014.

7. Skont ir-rapport mahrug minn James Newell u kkonfermat minnu waqt is-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2017, Dok. AZM6 ezebit a fol. 80 tal-process, "*The exact cause of the fire could not be determined due to the extent of fire damages/destruction of the truck. But upon inspection to try and establish the cause it was discovered that: The most likely hood (sic) of ignition was an*

*electrical fault in the alternator since this area has the most extensive fire damages on the engine. Once the flames/fire started spreading the fire rapidly gre in dimension and temperature which is characteristic to all vehicle fires, although the vehicle was stationary the strong winds blowing from the passenger's side greatly increase the flames and pushed them to the driver's side of the truck and the whole truck would have been engulfed in flames in a very short time. Conclusion: The company has an expectional fire safety record/history over its years of operation indicating very good and well-kept maintenance programs. As explained and indicated above, this fire was purely accident due to a fault developing in the truck's electrical system.*"

Illi mill-aspett prettament legali ghandu jigi kkunsidrat ukoll is-segwenti:

Illi kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna, l-kaz fortuwitu hu dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' diligenza ordinarja (**Vol XXX.1.869**) u biex ikun hemm dan l-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu izda jinhtieg li dan ikun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja (**Vol XXXV.11.637**) u di piu l-prova tal-fortuwita jew tal-kawza estranea tinkombi fuq il-konvenut li jissollevaha bhala difiza skagonattrici (**Vol XXX1.1.467**).

Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Muscat et vs Carmelo Agius** Qorti talAppell 14.1.1939:

> "*...biex iwaqqa' l-presunzjoni tal-htija l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi:*

*(i)* *l-accident jew l-fortuwitu bhala l-kawza tal-hsara; u*

(ii) *in-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u mmedjata tal-hsarat.*"

Illi jinsab deciz ukoll mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Cassone v Calamatta** deciza 29 ta' Frar, 2008 li:

> "*Id-dottrina legali taghti dviersi definizzjonijiet tal-"culpa". Carrara (Programma, Parte Generali, Vol I para.80 jikkummenta hekk: Si mutino come piace le formule ma il tripode sul quale si asside la colpa sara sempre questo (1) volontarieta' dell' atto, (2) mancata previsione dell'effetto nocivo (3) possibilita' di prevedere" u aktar l'isfer ezattament fil-paragrafu 83 dan l-awtur jirribadixxi hekk: "...la essenza della colpa sta tutta nella prevedibbilita.*"

Illi fil-kaz in ezami ghalkemm l-intimati argumentaw li kien jinkombi fuq l-Awtorita` attrici li tipprova l-htija tal-incident, huwa car li, skont il-kazistika surreferita, l-oneru tal-prova li l-incident sehh ghal ragunijiet accidentali kien jinkombi fuq il-konvenuti. It-Tribunal ma jistax ma jsibx li minghajr ebda ombra ta' dubbju l-intimati irnexxielhom jissodisfaw tali oneru ta' prova u dana ghaliex, skont ukoll l-aspetti prettament fattwali citati hawn fuq u li rrizultaw ampjament mill-provi prodotti,

(i) Irnexxielhom jippruvaw l-accident jew il-fortuwitu bhala l-kawza tal-hsara tant illi huwa car li l-incident sehh proprju meta s-sewwieq kien qieghed isuq regolarment il-vettura li qabdet in-nar. Is-sewwieq fortunatament intebah bin-nar li kien qabad tramite l-intervent ta' sewwieqa ohrajn. Jidher ukoll car mid-dokument ezebit a fol. 77 tal-process li sa ftit aktar minn xahar u nofs qabel id-data tal-incident is-socjeta` intimata wettqet 'servicing' u wkoll VRT check fuq l-istess vettura, dan oltre dak li jirrizulta mir-rapport 'ex parte' ta' James Newell u mix-xhieda tieghu senjatament li l-kawza tan-nar x'aktarx illi jinsab f'*fault* accidentali fis-sistema tal-eletrriku tal-istess vann. Ghaldaqstant xejn ma jindika li l-incident seta' kien wiehed prevedibbli jew verosimili ghall-intimati jew min minnhom.

(ii) Irnexxielhom jippruvaw ukoll in-nuqqas ta' htija min-naha kemm tas-socjeta` attrici li, tenut kont tal-fatt li kienet qed taghmel spezzjonijiet regolari fuq il-vetturi taghha, inkluza dik bin-numru ta' registrazzjoni HBI882. Huwa daqstant iehor car li, min-naha tieghu l-intimat Bezzina ghamel dak kollu li seta' tenut kont tac-cirkostanzi sabiex jipprova jimminimizza l-hsara. Huwa xehed li l-fire extinguisher kien jinsab hdejh u sakemm mar biex igibu sehhet spluzjoni ohra u anke in vista tar-rih li kien hemm dakinhar tal-incident l-vann inhakem kompletament min-nirien tant li huwa ftit li xejn seta' jaghmel f'dak l-istadju hlief li jsejjah ghall-ghajnuna.

Illi jigi rilevat li fl-artikolu 1029 tal-**Kodici Civili** jinghad espressament li:

> "*Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew ilbeni tieghu tigri l-hsara.*"

Tenut kont tas-surreferit, it-Tribunal ma jistax jikkonkludi jekk mhux li l-incident ma sehhx bi htija tal-intimati jew min minnhom.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm kompatibbli mas-surreferit u filwaqt li jastjeni milli jikkunsidra ulterjorment il-bqija tal-eccezzjonijiet, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez tal-kawza jigu sopportati interament mill-Awtorita` attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**